**9 ta' Mejju, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Dottor Alfred Grech *noe*

*versus*

Charles Spiteri *sive* Carmel Spiteri

**Sentenza ta' Qorti Barranija – Kontumaċja – Esekuzzjoni f'Malta**

*L-attur nomine talab l-esekuzzjoni ta' sentenza estera hawn Malta.*

*Kieku wieħed kellu japplika s-sistema proċedurali ta' pajjiżna, stante l-assenza tiegħu mill-ġurisdizzjoni, in-notifika li lilu saret ma kinitx valida u hu ma kienx kontumaċi. Skond però il-liġijiet tal-'County of New York' jirriżulta li għall-fini tal-ġurisdizzjoni tagħhom, effettivament il-konvenut kien ġie nnotifikat.*

*Għaldaqstant irid ikun stabbilit jekk il-kontumaċja għandhiex tkun skond il-liġijiet ta' pajjiżna jew inkella jekk huwiex sufficjenti li din il-kontumaċja tkun skond il-liġijiet tal-pajjiż fejn ġiet mogħtija s-sentenza.*

*Minn eżami ta' l-artikoli rilevanti jidher li l-leġislatur ried ikun assigurat li sentenza ta' Qrati kompetenti ta' barra mill-pajjiż, biex tiġi esegwita hawn Malta, trid mhux biss ma tmurx kontra l-ordni pubbliku ta' pajjiżna, imma trid almenu jkollha dawk l-elementi essenzjali li jirrendu sentenza ekwa u ġusta skond l-artikoli tal-proċedura tagħna.*

*Il-kontumaċja kellha ssir skond il-liġi ta' pajjiżna.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex fis-Sede Superjuri (Kummerċ) mogħtija fis-17 ta' Jannar, 1992, li hija hekk:

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni fejn l-attur *nomine* wara li ppremetta illi b'sentenza tat-23 ta' Ġunju, 1987, mogħtija fis-*Supreme Court of the State of New York, County of New York,* fis-ismijiet *"Cohen Construction Corporation vs Charles Spiteri Construction Corporation and Charles Spiteri"*, l-atturi ġew ikkanonizzati tradituri tal-konvenut fis-somma ta' mitejn u ħamsa u temnin elf, sitt mija u sitta u sebgħin Dollaru Amerikan u erbgħa u sittin ċenteżmu annessi ($285.676,64), kwantu għal mitejn u disgħa u tletin elf u sitta u erbgħin Dollaru Amerikan ($239,046) mertu, kwantu għal sitta u erbgħin elf mija u ħamsa u disgħin dollaru Amerikan u erbgħa u sittin ċenteżmu ($46,195.64) imgħaxijiet li ddekorru mit-tletin (30) ta' April tas-sena elf, disa' mija u ħamsa u tmenin (1985) sad-data tas-sentenza fuq imsemmija u kwantu għas-somma ta' erba' mija u ħamsa u tletin dollaru Amerikan ($435) spejjeż ta' l-imsemmija kawża, (Dok. "A");

Talab li din il-Qorti:

1. Tordna l-esekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza biex l-attur ikun jista' jesiġi mingħand il-konvenut il-pagament ta' l-imsemmija somma ta' mitejn u ħamsa u tmenin elf, sitt mija u sitta u sebgħin Dollaru u erbgħa u sitta ċenteżmu Amerikan ($285,676.64) kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż, kompriżi dovut tal-mandati ta' qbid, sekwestru, l-impediment ta' safar u ta' inibizzjoni kollha kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mħarrek għas-subizzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet ta' l-istess konvenut, Charles Spiteri *sive* Carmel Spiteri fejn eċċepixxa:

*Omissis;*

Illi, is-sentenza tal-Qorti estera ma tistax tiġi esegwita hawn Malta u dana, prinċipalment minħabba l-fatt illi l-konvenut għandu dritt li jattakka l-istess sentenza u dana peress illi l-istess sentenza ġiet mogħtija bi ksur ta' l-artikolu 811(b), (ċ), (d) (e); 742; 827(ċ) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt;

Semgħet ix-xhieda prodotti u rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża; u;

Ikkunsidrat illi:

*Nonostante* li fl-eċċezzjoni fil-mertu l-konvenut iċċita in sostenn ta' l-opposizzjoni tiegħu għat-talba attriċi diversi artikoli tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-uniku subartikolu ċċitat ta' l-artikolu 827, l-uniku artikolu prinċipali relevanti fil-kawża odjerna, huwa s-subartikolu (1) *nonostante* li ġie indikat biss is-

subinċiż (ċ) u dan qed jiġi presunt billi l-uniku subartikolu b'subinċiżi huwa l-imsemmi subartikolu (1) ta' l-artikolu 827 tal-Kap. 12. L-artikoli l-oħra ċċitati kienu jkunu rilevanti sakemm biss tkun ingħatat eċċezzjoni għat-talba fiċ-ċitazzjoni a bażi ta' l-artikoli 827(1)(a) u 827(1)(b) tal-Kap. 12, iżda ebda eċċezzjoni taħt dawn l-artikoli ma ġiet issollevata;

Għalhekk il-konvenut qed isostni li t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda għaliex jeżisti d-difett imsemmi fl-artikolu 827(1)(ċ) billi s-sentenza mogħtija mis-"*Supreme Court of the State of New York, County of New York*" ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika tat-23 ta' Ġunju, 1987, fil-kawża fl-ismijiet "*Cohen Construction Corporation vs Charles Spiteri Construction Corporation and Charles Spiteri*" ġiet mogħtija fil-kontumaċja tal-konvenut meta dan ma kienx kontumaċi skond il-liġi;

Kif jirriżulta mill-imsemmija sentenza (esebita a fol. 6 tal-proċess "Dok. A") il-konvenuti f'dik il-kawża, fosthom il-konvenut f'din il-kawża Charles *sive* Carmel Spiteri", kienu kontumaċi;

Infatti ġie premess fl-imsemmija deċiżjoni li "*The summons and verified complaint in this section were personally served on the abovenamed defendant on July 10, 1985, and the time for the defendant to appear, answer, move or raise an objection to the complaint in point of law has fully expired, and the defendant did not appear, answer, move or raise an objection to the complaint in point of law, and an additional copy of the summons has been mailed to the defendant on August 15, 1986, by first-class mail addressed to the defendant at his last known residence address*", in segwitu l-Qorti estera għaddiet għad-deċiżjoni fil-mertu;

Għall-preċiżjoni għandu jiġi rrilevat illi l-kelma *"personally"* li tiddeskrivi n-notifika m'hiex korretta, billi jirriżulta mill-*"Affidavits of Service"* (Dokti. E. u F) illi l-atti ġew servuti f'idejn mart il-konvenut Charles Spiteri, li jisimha "Jane" jew "Alicia";

Stabbilita l-kontumaċja tal-konvenut quddiem il-Qorti estera, irid jiġi eżaminat jekk dik il-kontumaċja kinitx skond il-liġi. Evidentament ir-riferenza f'dan l-artikolu hija għal-liġi ta' Malta u mhux għal-liġi fl-istat fejn ingħatat is-sentenza billi s-sentenza ta' tribunal estera li tagħha qed tintalab l-esekuzzjoni trid tgħaddi mill-eżami issa skond il-liġijiet tal-pajjiż fejn qed tintalab l-esekuzzjoni, sabiex jiġi determinat jekk, anke jekk fl-istat esteru l-kontumaċja kienet skond il-liġi, il-proċedura estera tkun tinvolvi xi ksur ta' xi prinċipju fundamentali tal-ġustizzja kif apprezzat f'dawn il-gżejjer, qabel ma l-Qrati tagħna jawtorizzaw l-esekuzzjoni;

Minn eżami tal-passaport tal-konvenut ikkorroborat mid-disposizzjoni ġuramentata tiegħu, il-konvenut kien definittivament telaq ir-residenza tiegħu fl-Istati Uniti meta siefer minn dak il-pajjiż bi ħwejġu kollha fis-17 ta' April, 1985, għalkemm ħalla warajh lil martu Alice minn ma' min jiddikjara li kien diġà *'de facto'* separat;

Għaldaqstant meta ġiet innotifikata martu bit-talba ta' *Cohen Construction Corporation* fl-10 ta' Lulju, 1985, il-konvenut kien assenti minn dak l-istat u biċ-ċittadinanza Maltija kien diġà beda jirrisjedi f'Għawdex. Għalhekk, il-kunsinna ta' l-att lil Alice Spiteri ma kienx regolari skond il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi fl-artikolu 187 jittratta min-notifika ta' persuni li jinsabu f'Malta u fl-artikolu 929 jipprovdi loġikament li meta

l-persuna li trid tiġi nnotifikata tkun assenti, in-notifika m'għandhiex titqies kompleta billi sempliċement jiġi kkunsennat l-att fl-aħħar residenza tan-notifikant iżda għad insaputa tiegħu, iżda trid issir lill-kuraturi maħtura biex jirrappreżentaw il-persuna msiefra, bl-obbligi kollha ta' dawn il-kuraturi elenkati fil-liġi;

Għaldaqstant skond il-liġi, in-notifika allegata lill-konvenut fl-Istati Uniti ma kinitx regolari u għandha titqies li hija nulla, u għall-istess motivi wisq iktar ma tirriżultax in-notifika *"by first class mail"* tal-15 ta' Awissu, 1986. In-nuqqas ta' notifika konsegwentement, jeskludi l-kontumaċja u jwassal ukoll għan-negazzjoni tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali ta' l-*"audi alteram partem"*;

Għalhekk il-Qorti ssib li l-konvenut fil-proċeduri quddiem il-Qorti estera ma kienx kontumaċi skond il-liġi u a tenur ta' l-artikolu 827(2) tilqa' l-eċċezzjoni ssollevata mill-konvenut fil-mertu u tiċħad it-talba attriċi;

Bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine"*;

Rat in-nota ta' l-24 ta' Jannar, 1992, li permezz tagħha l-attur interpona appell quddiem din il-Qorti ta' l-Appell peress li ħass ruħu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess attur *nomine* ppreżentata fil-11 ta' Frar, 1992, fejn huwa talab li dina l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet issollevati mill-konvenut, u tilqa' t-talbiet attriċi;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fit-2

l-persuna li trid tiġi nnotifikata tkun assenti, in-notifika m'għandhiex titqies kompleta billi sempliċement jiġi kkunsennat l-att fl-aħħar residenza tan-notifikant iżda għad insaputa tiegħu, iżda trid issir lill-kuraturi maħtura biex jirrappreżentaw il-persuna msiefra, bl-obbligi kollha ta' dawn il-kuraturi elenkati fil-liġi;

Għaldaqstant skond il-liġi, in-notifika allegata lill-konvenut fl-Istati Uniti ma kinitx regolari u għandha titqies li hija nulla, u għall-istess motivi wisq iktar ma tirriżultax in-notifika *"by first class mail"* tal-15 ta' Awissu, 1986. In-nuqqas ta' notifika konsegwentement, jeskludi l-kontumaċja u jwassal ukoll għan-negazzjoni tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali ta' l-*"audi alteram partem"*;

Għalhekk il-Qorti ssib li l-konvenut fil-proċeduri quddiem il-Qorti estera ma kienx kontumaċi skond il-liġi u a tenur ta' l-artikolu 827(2) tilqa' l-eċċezzjoni ssollevata mill-konvenut fil-mertu u tiċħad it-talba attriċi;

Bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine"*;

Rat in-nota ta' l-24 ta' Jannar, 1992, li permezz tagħha l-attur interpona appell quddiem din il-Qorti ta' l-Appell peress li ħass ruħu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess attur *nomine* ppreżentata fil-11 ta' Frar, 1992, fejn huwa talab li dina l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet issollevati mill-konvenut, u tilqa' t-talbiet attriċi;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fit-2

ta' Marzu, 1992, fejn jgħid li l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata bħala ġusta;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet il-partijiet *tramite* d-difensuri tagħhom;

Ikkunsidrat:

Illi fl-20 ta' Ġunju, 1984, il-kumpanija *"Cohen Construction Corporation"* ta' *New York*, għamlet kuntratt ta' appalt ma' Charles Spiteri, *Construction Corporation,* liema kuntratt ta' appalt kellu jkun dwar xogħol addizzjonali u alterazzjonijiet li kellhom isiru f'edifiċju fi *Brownstone* f'numru 126, *West 87th Street,* ġo *New York.* Ta' min jgħid mill-bidu li f'dan il-kuntratt il-konvenut Charles Spiteri qatt ma deher fil-*veste* personali tiegħu però dejjem għan-nom tal-*Construction Corporation Company* li kien jisimha *"Charles Spiteri Construction Corporation"*. Skond l-istess kuntratt, ix-xogħol kellu jidba fil-15 ta' Ġunju, 1984, u kellu jiġi kkompletat sal-15 ta' Ottubru ta' l-istess sena, ċjoè 1984;

M'huwiex ikkontestat li f'ċertu żmien, l-istess konvenut ma kompliex f'dan il-kuntratt ta' appalt, telaq mix-xogħol, neħħa l-għodda li kellu u n-nies tiegħu, u ma kompliex il-proġett. Dawn il-fatti m'humiex ikkontestati minkejja illi l-avukati ta' l-atturi fl-Amerika fil-*'brief'* li huma ppreżentaw quddiem is-*'Supreme Court of the County of New York'*, liema *'brief'* huwa esebit maċ-ċitazzjoni tagħhom bħala Dokument Ċ fil-proċess, huma jgħidu li kien fil-11 ta' April, 1984 illi l-konvenut telaq mill-proġett. Dan ovvjament m'huwiex possibbli għax kif ġà ngħad il-kuntratt ġie ffirmat fil-15 ta' Ġunju. Minkejja illi fl-istess *'brief'*

huma jgħidu li l-konvenut Charles Spiteri kien personalment iggarantixxa li l-kumpanija debitriċi kienet se tikkompleta x-xogħol kollu qabel id-data stipulata tal-15 ta' Ottubru, 1984, dana ma jirriżulta minn imkien;

Sussegwentement, illi d-ditta konvenuta ma komplietx ix-xogħol, lanqas ma hu kkontestat li ovvjament l-atturi kellhom jaraw kif jagħmlu biex jikkompletaw ix-xogħol huma, u konsegwenza ta' dan, huma sofrew ammont ta' danni. Huwa pproċedew għal dawn id-danni fis-*'Supreme Court of the State of New York, County of New York'*, jgħidu li nnotifikaw lill-konvenut b'żewġ modi u ċjoè *tramite* l-mara tiegħu li minnha kien *'de facto'* separat, u wkoll b'*registered first-class mail'*. Ovvjament għar-raġunijiet li jingħadu aktar tard, il-konvenut ma rċieva la l-ewwel u lanqas it-tieni notifika, u għall-finijiet tal-liġi Amerikana, jew ċjoè tal-*'County* ta' *New York'*, huwa kien kontumaċi f'din il-kawża, u effettivament fit-23 ta' Ġunju, 1987, l-istess atturi ottjenew sentenza u ġew kkanonizzati kredituri tiegħu fis-somma ta' $285,676 (mitejn, ħamsa u tmenin elf, sitt mija, sitta u sebgħin dollari Amerikani), in kwantu għas-somma ta' $239,046 (mitejn, disgħa u tletin elf, sitta u erbgħin dollaru Amerikan) bħala mertu. In kwantu għal $46,195.64ċ (sitta u erbgħin elf, mija ħamsa u disgħin dollaru Amerikan, u erbgħa u sittin ċenteżmu) imgħaxijiet li ddekkorrew mit-30 ta' April, 1985, sad-data tas-sentenza fuq imsemmija u kwantu għas-somma ta' erba' mija u ħamsa u tletin dollaru Amerikan ($435) spejjeż ta' l-imsemmija kawża;

Sussegwentement, għal din is-sentenza ottenuta, l-atturi biċ-ċitazzjoni fuq ippreżentata qegħdin jippruvaw jinforzaw din l-istess sentenza fil-Qrati Maltin, u dan minkejja li fiċ-ċitazzjoni tagħhom huma ma jsemmu xejn a bażi ta' l-artikolu 826 tal-

Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 li tgħid hekk:

"Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-att dwar l-esekuzzjoni reċiproka ta' sentenzi ta' tribunali Ingliżi, is-sentenzi mogħtija minn Qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu esegwiti mill-Qrati kompetenti ta' Malta, bħal sentenzi mogħtija f'Malta, fuq ċitazzjoni talba biex tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawn is-sentenzi";

M'hemmx dubju li l-Qrati tal-*"County of New York"* huma Qrati kompetenti għall-fini ta' dan l-artikolu u lanqas m'hemmx dubju li s-sentenza kontra Charles Spiteri saret ġudikat. Biex però l-Qrati tagħna jkunu jistgħu jesegwixxu sentenza bil-mod kif ipprovdut fl-artikolu 826, iridu ta' bilfors jaraw li l-elementi msemmija fl-artikolu 827 ta' l-istess Kodiċi qegħdin jiġu osservati. L-artikolu 827(2) infatti jgħid:

"Jekk jinsab li hemm xi wieħed mid-difetti msemmija fis-subartikolu 1 ta' dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan, ma jgħoddux";

Minkejja illi l-konvenut fl-eċċezzjonijiet tiegħu jikkwota l-artikolu 742 u 811 ta' l-istess Kodiċi, Kap. 12, huwa ma jagħtix bħala eċċezzjoni għat-talba ta' l-atturi, is-subartikolu (a) ta' l-artikolu 827(1) u s-subartikolu (b) ta' l-istess artikolu. Dan l-artikolu 827(1) qiegħed jiġi kkwotat għax il-mertu legali ta' din il-kawża jiddependi unikament minnu. L-artikolu jgħid hekk:

"Il-Qorti, qabel ma tiddeċidi fuq din it-talba, għandha tara (a) jekk is-sentenza li tagħha tintalab l-esekuzzjoni tistax tkun attakkata għal waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 811;

(b) jekk hemmx xi ċirkostanzi li tista' tara kompetenti Qrati ta' Malta skond l-artikolu 742; (ċ) jekk f'każ ta' sentenza mogħtija fil-kontumaċi, il-partijiet kienu kontumaċi skond il-liġi; u (d) jekk is-sentenza għandhiex fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew xi liġi pubblika lokali li tkun isseħħ f'Malta";

Wieħed mill-ewwel jinduna l-artikolu 742 u 811 għandhom biss l-ambitu ta' l-operat tagħhom bħala parti mill-istess artikolu 827. Il-konvenut, għalkemm ikkwota dawn iż-żewġ artikoli, naqas li jagħti fl-eċċezzjoni tiegħu l-artikolu 827(a) u (b) u konsegwentement, il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat id-deċiżjoni tagħha sempliċement fuq l-artikolu 827(1), sub-artikolu (ċ) biss;

Il-petizzjoni ta' l-appell u risposta ta' l-istess konvenut ukoll jittrattaw limitatament għal dan is-sub-artikolu, u ċjoè 827(1)(ċ) waqt għalhekk li l-konvenut kien ikollu ħafna fuq x'hiex jattakka s-sentenza estera kieku fil-fatt ta bħala eċċezzjonijiet l-artikolu 827(a) u (b). Dawn fil-fatt ma tahomx, is-sentenza ma tikkunsidrahomx, u fuqhom m'hemmx appell, u allura din il-Qorti wkoll trid tillimita ruħha biss għall-artikolu 827(1) sub-artikolu (ċ);

Jirriżulta sew mix-xiehda ta' Charles *sive* Carmel Spiteri, sew mill-prospett li huwa esebixxa fid-19 ta' Frar, 1991, li fil-ġurnata lil fiha saret in-notifika fl-Amerika ċjoè fis-16 ta' Awissu, 1986, huwa ma kienx preżenti f'din il-ġurisdizzjoni. Infatti, kien ilu li telaq minn New York mis-sena ta' qabel, u ċjoè mis-17 ta' April, 1985, ċjoè sena u erba' xhur qabel, hu kien telaq defnittivament mill-Istati Uniti;

Għalhekk kieku wieħed kellu japplika s-sistema proċedurali ta' pajjiżna, *stante* l-assenza tiegħu mill-ġurisdizzjoni, in-notifika li lilu saret ma kinitx valida u hu ma kienx kontumaċi. Skond

però l-liġijiet tal-*'County of New York'* jirriżulta li għall-fini tal-ġurisdizzjoni tagħhom, effettivament il-konvenut kien ġie nnotifikat;

Din il-Qorti għaldaqstant trid tistabbilixxi x'sinifikat għandhom il-kliem kontumaċi skond il-liġi fl-artikolu 827 sub-artikolu 1 sub-inċiż (ċ) diġà ġie kkwotat. Jekk ċjoè l-kontumaċja għandhiex tkun skond il-liġijiet ta' pajjiżna jew inkella jekk huwiex suffiċjenti li din il-kontumaċja tkun skond il-liġijiet tal-pajjiż fejn ġiet mogħtija s-sentenza;

Il-Qrati tagħna, għal dak li jirrigwarda d-dritt internazzjonali privat, dejjem sostnew li d-dritt internazzjonali privat, kif interpretat fl-Ingilterra, għandu jkun dak id-dritt li japplika għal pajjiżna. Huwa għal din ir-raġuni, per eżempju, li aħna naċċettaw il-kunċett ta' domiċilju flok dik ta' nazzjonalità biex naslu biex naraw il-liġi personali ta' l-individwu xi tkun;

Skond il-liġi internazzjonali privata Ingliża, huwa l-*'lex fori'* li jiddetermina l-liġi li għandha tapplika għall-proċedura li għandha tintuża. Hija l-liġi tal-pajjiż ċjoè fejn qiegħda titmexxa l-kawża li għandha tiddetermina r-regolamenti li huma meħtieġa għall-annullament ta' dik il-kawża, minkejja li l-individwi kkonċernati jista' jkollhom liġi personali differenti minn dik tal-*'lex fori'*. Fil-każ però ta' l-esekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' pajjiżi ta' barra minn tagħna, il-Leġislatur tagħna ried jilleġiżla b'mod ferm aktar speċifiku, u, minkejja li jagħti importanza skond l-istess artikolu 826 lis-sentenzi mogħtija mill-istess Qrati kompetenti, minħabba li din l-esekuzzjoni ta' sentenzi ta' pajjiżi barranin tnaqqar mis-sovranità tiegħu, għaldaqstant, ma kienx kuntent li jħalli l-prinċipji ordinarji tal-Liġi jmexxu din il-materja u lleġisla b'mod speċifiku l-artikolu 827 sa 828.

Issa apparti minn artikolu 827(1) sub-artikolu (d) li jgħid l-ovvju li din is-sentenza tal-Qrati estera m'għandux ikollha disposizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku, jew għal-liġi pubblika lokali li tkun isseħħ Malta, apparti minn dan is-sub-artikolu (d) però, anke is-sub-artikolu (a) u (b) li jagħmlu referenza l-wieħed għall-artikolu 811, u l-ieħor għall-artikolu 742, jagħtu l-impressjoni kemm il-leġislaturi li dan it-tnaqqir mis-sovranità tiegħu, għandu kemm jista' jkun ikun ristrett;

Hekk, jekk hemm xi raġuni l-għala skond l-artikolu 811, is-sentenza setgħat tiġi rritrattata, allura din is-sentenza tal-Qrati ta' barra minn pajjiżna, ma tistax tiġi esegwita hawn Malta. Hekk ukoll, jekk għal xi raġuni, il-Qrati tagħna skond l-artikolu 742 huma kompetenti, jew kienu kompetenti għal dan il-każ, allura hawn ukoll is-sentenza tal-Qrati esteri m'għandhiex tiġi esegwita hawn Malta;

Il-kunċett kollu għalhekk, ta' l-artikolu 827 jidher li huwa mmirat għal dak li jista' jew ma jistax isir fil-Qrati Maltin u mhux fil-Qrati esteri, u jindika bl-iktar mod ċar li l-leġislatur irid ikun assigurat li sentenza ta' Qrati kompetenti ta' barra mill-pajjiżi, biex tiġi esegwita hawn Malta, trid biss mhux ma tmurx kontra l-ordni pubbliku ta' pajjiżna, imma trid almenu jkollha dawk l-elementi essenzjali li jirrendu sentenza ekwa u ġusta skond l-artikoli tal-proċedura tagħha. L-artikolu 827(1)(ċ) huwa l-uniku wieħed li speċifikament ma jgħidlekx skond il-liġi ta' Malta, però b'riflessjoni kbira, wieħed jieħu dan is-sub-artikolu mas-sub-artikoli l-oħra kollha ta' l-artikolu 827 iwassal lill-ġudikant biex jgħid li l-leġislatur ma jistax kellu l-ħsieb ħlief li jgħid li l-kontumaċja kellha ssir skond il-liġi ta' pajjiżna, u skond il-liġi ta' pajjiżna il-kontumaċja hija b'mod pjuttost eċċezzjonali kif il-ġudikant jasal għas-sentenza, *sapendo* però li l-konvenut kellu

l-opportunità li jiddefendi ruħu però dik l-opportunità huwa ma ħadhiex;

Fil-każ preżenti, din l-opportunità ma tidhirx li ngħatat lill-istess konvenut, u din il-Qorti tħoss li din is-sentenza f'dawn iċ-ċirkostanzi m'għandhiex tiġi esegwita f'pajjiżna. Meta qed tasal għal din is-sentenza din il-Qorti għandha wkoll il-konfort ta' l-artikolu 811(b) li skond il-konvenut żgur li kieku kien ikollu dritt għar-ritrattazzjoni skond dan is-subartikolu. Għandha wkoll il-konfort ta' l-artikolu 742(1)(d), liema sub-artikolu kien żgur jagħti ġurisdizzjoni lill-Qrati Maltin, fuq il-fatt li l-konvenut għalkemm forsi ma kienx domiċiljat Malta, kien talab id-domiċilju tiegħu u kien preżenti hawn Malta;

Il-Qorti jidhrilha li dawn iż-żewġ artikoli għalkemm m'humiex speċfikament imsemmija fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u għalkemm ma hemmx appell fuqhom ma jistgħux jiġu totalment injorati;

*Stante* n-natura tal-każ, l-ispejjeż għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.